MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Numru. 729/2002

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Arthur Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Arthur Micallef, detentur tal-karta ta' l-identita numru 511565(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-snin 2000 u 2001 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

a) talli bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu u kemm jekk kellux jedd jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabiliment iehor pubbliku, illi taht il-libsa

tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettiex jew izjed milli tippermetti l-ligi u dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u ta' Jeffrey u Amanda Tabone u persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u dan billi in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew xi vantagg iehor li ghalihom ma kellux jedd bi ksur tal-Artikoli 41 u 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-17 ta' Mejju tas-sena 2001 il-pulizija kienet irceviet rapport minghand id-Direttur tas-Social Housing is-Sur Carmelo Esposito rigwardanti rapport illi kienet ghamlet certa Amanda Jane Tabone u t-tifel taghha Jeffrey Tabone. Danir-rapport kien jirrigwarda l-imputat fuq imsemmi li kien ufficjal addett mas-social Housing Department u r-rapport kien fis-sens illi l-imputat kien talab xi flus sabiex jaghmel xi pjacir lill-imsemmija Amanda Jane Tabone u Jeffrey Tabone u ihallihom joqghodu fid-dar illi kellhom; liema dar kienet suggetta ghall-ordni ta' rekwizizzjoni. L-Ispettur Helga Debono xehdet illi hija baghatet ghal Amanda Jane Tabone illi ghamlitilha dikjarazzjoni tal-fatti kollha kif graw.

Illi l-allegazzjoni tas-Sinjura Tabone kienet fis-sens illi hija kienet tghix fi flat, riedet tmur toqghod banda ohra ma ragel iehor, izda riedet illi binha jibqa jghix f'dak l-indirizz minflok ma taghti c-cavetta lill-Gvern. Hija kienet marret tkellem lill-imputat sabiex tara jekk dan kienx possibbli u kienet iltaqghet anke mieghu it-Techno Park il-Mosta flimkien ma binha ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija. Skond is-Sinjura Tabone l-imputat kien talabha taghtih xi flus f'envelope u hu umbaghad jirrangalha sabiex jisparixxi l-file u b'hekk binha ikun jista joqghod fl-appartament.

Illi Jeffrey Tabone ikkonferma ma l-Ispettur Debono dak kollu illi kienet qaltilha ommu.

Illi l-imputat gie irrilaxxjat mill-pulizija u irrilaxxja stqarrija li tinsab esebita a fol. 15 sa fol. 18 tal-process.

Illi permezz tal-istqarrija tieghu illi huwa ghazel ukoll illi jiffirma l-imputat iddikjara illi huwa kien jahdem mad-Dipartiment tas-Social Housing bhala eviction officer, izda l-grad tieghu kien ta' clerk. Ix-xoghol tieghu jikkonsisti li jigi l-file ghandu wara li huma jkunu baghatu l-karti biex l-inkwilini igibu c-cwievet tal-fond. Huma jaghtuhom hmistax il-gurnata cans u jekk ma igibux ic-cwievet jibghatulhom notification order lill-ghassa tal-pulizija ikkoncernata. Wara imur il-pulizija javzahom li jekk mhux ser igibu c-cwievet ser jigu zgumbrati u jekk ma igibux ic-cwievet il-Housing ikollhom karta li jiffirmawha il-pulizija u l-inkwilin biex ikunu jafu illi l-karta giet ircevuta mill-inkwilin. Wara l-karta tiddahhal fil-file u bil-ligi tal-housing ikunu jistghu jaghmlu l-izgumbrament, liema ordni ta' zgumbrament jigi iffirmat mid-Direttur tas-Social Housing, umbaghad hu imur l-ghassa koncernata, jiehu pulizija mieghu, mastrudaxxa u xufier u imorru fil-post u jekk isibu l-ghamara icemplu lil ta' Borg Brothers biex jigu jiehduha. Johorgu kollox mill-post, jaghlqu l-katnazz u jaghtu c-cwievet lill-key section tal-housing. L-ghamara tittiehed fl-istores li ghandha l-Housing f'Hal-Farrug u wara jiktbu lil tal-ilma u tad-dawl sabiex javzawhom illi c-cwievet ikunu qeghdin ghand il-Housing. Huwa qal fl-istqarrija tieghu illi d-Direttur tas-Social Housing jaghtih l-ordni sabiex issir l-

Eviction. Mistoqsi kif kien jaf lil Tabone u Falzon l-imputat qal lill-pulizija illi Tabone kienet cemplitlu u staqsietu biex imur jiehu drink maghha, izda hu kien qalilha li biex tkellmu riedet tigi tkellmu d-Dipartiment. Huwa qal illi hija cemplitlu meta t-talba taghha sabiex binha jibqa fil-flat kienet giet irrifjutata. Il-file kien gie ghand l-RO section u tal-RO section baghatu l-file ghandu minhabba l-ittra fejn giet rifjutata t-talba tas-Sinjura sabiex binha jibqa fil-flat. Huwa qal lill-pulizija illi iltaqa mas-Sinjura darbtejn u mat-tifel taghha iltaqa darba. Mistoqsi fejn iltaqa maghhom huwa qal illi kien iltaqa mas-Sinjura l-Housing Department u iltaqa ma binha fejn it-Techno Park il-Mosta. Iltaqa mieghu hemm hekk sabiex jitkellmu fuq din il-bicca xoghol u dana peress illi t-tifel taghha ma setghax jigi l-Housing. Mistoqsi ta' min kienet din l-ideja l-imputat qal illi s-Sinjura kienet iccempillu u hu qalilha li la hi toqghod Had-Attard u hu joqghod in-Naxxar setghu jiltaqghu it-Techno Park il-Mosta. L-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu illi meta mar jiltaqa mas-Sinjura u binha huwa kien ha l-file mieghu u mistoqsi jekk din kienitx procedura normali li johrog il-file meta mhux ser issir eviction huwa wiegeb le, da zgur li le. Mistoqsi allura ghalfejn kien ha il-file mieghu d-dar dakinhar, l-imputat wiegeb ghaliex hi kienet qaltlu zomm naqra ghandek dan il-file u dakinhar kien ha il-file mieghu d-dar, izda wara kien hadu x-xoghol. Mistoqsi x'kien intqal dakinhar hdejn it-Techno Park l-imputat qal lill-pulizija illi huwa kien qal lis-Sinjura illi binha ma setghax jibqa fil-flat. Sa dak il-hin l-imputat qal illi hu ma kienx semma flus jew cifri u zied illi f'ebda hin ma qal illi xtaq xi flus biex jghin lil binha. Izda wara s-Sinjura bdiet tghidlu barra l-karozza, meta binha kien fil-karozza, inti xi hsieb kellek f'mohhok bhala cifra tal-flus. Hu wiegeb illi qalilha li kien ser ihalli f'idejhom ghaliex huma jafu. Mistoqsi jekk huwa riedx jidhol fil-karozza l-imputat wiegeb illi iva u hu qal lis-Sinjura biex jidhlu fil-karozza. Dahlu fil-karozza u hu wera lis-Sinjura l-ahhar ittra li kien hemm fil-file, li kienet ittra tal-Lands li turi li t-talba tas-Sinjura kienet giet michuda u ftakar ukoll li hi diga kienet giet mgharrfa li kellha tirritorna c-cwievet ghaliex kien qalilha hekk Michael Vella, ufficjal fil-Key Section tal-Housing Department. Mistoqsi ghalfejn is-Sinjura kienet ser taghtih il-flus, l-imputat wiegeb illi huma kellhom il-hsieb illi

l-file ma jistabx billi jew jintilef, jew jinharaq u dan sabiex iben is-Sinjura ikun jista jibqa fil-post ta' ommu. Mistoqsi min hareg b'dan il-hsieb l-imputat qal illi hu qalilha, ghalkemm hi bdiet tghid fuq xi files li thawwdu l-Bank. Mistoqsi min kien ser jahraq il-file l-imputat wiegeb li zgur mhux hu kien ser jaharqu. Mistoqsi jekk hu qattx semma lis-Sur Esposito mas-Sinjura l-imputat wiegeb illi huwa tkellem ma xi hadd, pero' ma jiftakarx ezatt ma min kien tkellem. Huwa qal illi tant kien issimpatizza ma din is-Sinjura li kien staqsiha jekk setghetx taqleb l-ID card lura fuq il-post li kellha u hi qaltlu li ma setghetx taghmel hekk ghaliex kienet xtrat il-post il-gdid mal-partner taghha u kienet staqsietu, dejjem skond l-imputat, jekk tal-Housing isirx jafu jekk ghandhiex xi proprjeta fuq isimha u hu wegibha illi iva tal-Housing ikunu jafu. Mistoqsi jekk qattx cempel lis-Sinjura fuq il-mobile u ghaliex l-imputat wiegeb illi iva, kien cemplilha darba biex jghidilha biex iggib ic-cwievet lura u darba ohra kien hallilha messagg biex iccempillu lura. Mistoqsi ghalfejn fi Frar ta' l-2001 huwa kien tefa l-file bring up ghal sitt xhur l-imputat wiegeb li kien ghamel hekk ghaliex dakinhar li tkellmu ried jaghti cans lil binha johrog wahdu mill-post. Mistoqsi jekk hu hux suppost jaccetta rigali bhala Ufficjal tal-Housing, l-imputat wiegeb le, da zgur li le u li huwa konxju tal-fatt li ma setghax jaccetta rigali. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi meta telaq id-dar dakinhar stess li iltaqa mas-Sinjuri kien beda jara biex icemplilhom izda ma cemplilhomx dakinhar. Fil-fatt kien cempel lill-partner tas-Sinjura li kien qallu biex ibbezbizielu lil binha ghaliex kien qed jaqlalhom hafna inkwiet u it-tieni darba kien rega' cempel lill-partner tas-Sinjura u staqsih x'kien jismu t-tifel ghaliex kien nesa x'jismu. Sussegwentement beda jipprova jikkuntattja lil Fiat sabiex jara jekk iben is-Sinjura jahdimx hemm hekk, izda kienu qalulu li ma kienx jahdem hemm hekk. L-imputat finalment qal illi ried jikkuntattja lil iben is-Sinjura sabiex jghidlu li kien biddel fehmtu u li milli kienu qalu ma hemm xejn.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet f'dawn il-proceduri Amanda Tabone u qalet illi kellha relazzjoni ma xi hadd u kienet xtrat post mieghu u

kienet talbet biex il-post tal-Gvern idur fuq binha Jeffrey Falzon. Hi kienet iccempel lil Housing sabiex ticcekkja u darba minnhom il-file kien gie f'idejn l-imputat fuq imsemmi. Kienet cemplitlu u kellha iccempillu fil-bidu tas-sena 2001. Hija xehdet li kien cemplilha l-imputat u gieli cemplitlu hi wkoll biex jaraw x'ser jaghmlu u l-imputat kien qalilha li kien dispost li jghinha u ikellem lis-Sur Carmel Esposito. Ghalhekk hija ippruvat tikteb lis-Sur Esposito sabiex jaghmlilha appuntament, izda is-Sur Esposito qatt ma baghat ghaliha. F'hin minnhom kien cemplilha l-imputat u qalilha li kellu bzonn ikellimha ghaliex kellu pjan ghaliha u dana sabiex il-flat idur f'isem it-tifel taghha. Kienet tmur il-Housing sabiex tkellem lill-imputat u l-imputat kien qalilha illi jiltaqghu barra u mhux fl-ufficcju u hi qaltlu "Mela nigi mat-tifel u naraw x'hemm bzonn isir". Effettivament marret flimkien ma binha tiltaqa mal-imputat it-Techno Park il-Mosta u l-imputat kien gie ikellimhom u kellu l-file mieghu, fejn kien hemm ukoll il-file, id-dokumenti u l-ittri kollha u hija rat il-file b'ghajnejha. L-imputat dakinhar qalilha li kien lest li jghinha u isib post ghal binha. Hija xehdet li l-imputat dar u qalilha jiena lest illi inti taghtini envelope maghluq bil-flus, izda ma semmilhiex is-somma ta' flus. Dak il-hin hija qaltlu "Le" u eventwalment kienet iltaqghet mas-Sur Esposito illi kien qalilha illi qatt ma kien ra il-file taghha. Sussegwentement baghatu ghaliha l-pulizija u hija qaltilhom b'kollox, b'dak kollu li kien gara. Hija kompliet tixhed illi l-imputat qalilha illi meta taghtih il-flus il-file jaharqu, jisparixxih u hija kienet qalet b'kollox lis-Sur Esposito. Kompliet tixhed illi l-imputat kien qalilha wkoll illi l-file lilli kien hemm il-Lands huwa kien ser jaqbad u jisparixxih, jisparixxi z-zewg files u ma jkun hemm xejn.

Illi xehed is-Sur Esposito, Direttur tas-Social Housing u qal illi fis-17 ta' Mejju 2001 kien ghamel rapport lill-pulizija fil-konfront tal-imputat u dana peress illi fis-16 ta' Mejju 2001 kienet giet tkellmu is-Sinjura Amanda Tabone u Charles Bonello mill-Ministeru u spjegawlu illi l-imputat illi kien impjegat mad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali kien ilaqa maghhom wara l-hin u talabhom envelope maghluq bil-flus u dana sabiex, dejjem skond is-Sinjura Tabone, jirrangalhom sabiex iben is-Sinjura Tabone jibqa

fil-flat tal-Gvern. Is-Sur Esposito xehed illi lill-imputat ma kelmux u qabad u ghamel rapport lill-pulizija. Is-Sur Esposito xehed illi l-imputat kien jaghmel xoghol ta' evictions, ta' zgumbramenti flimkien ma ufficjal tal-pulizija u jiehu hsieb ukoll it-trasport ta' l-ghamara. Is-Sur Esposito qal illi s-Sinjura kienet talbet lill-Lands sabiex binha jithalla joqghod fil-flat, izda il-Lands kienu cahdulha it-talba. Huwa xehed illi qatt ma kien ra l-file taghha. Il-file dejjem kien baqa "bring up" u qatt ma wasal ghandu. Huwa xehed illi suppost meta tigi ittra xi hadd jiehu azzjoni fuqha u jekk ikun hemm bzonn l-intervent tieghu jghaddulu il-file, izda f'dan il-kaz il-file qatt ma kien gie mghoddi lilu. Is-Sur Esposito xehed illi l-imputat kien kellmu biss jumejn qabel ma giet tkellmu is-Sinjura.

Illi rega' xehed is-Sur Esposito u qal illi l-imputat kien mar ikellmu gurnata qabel ma marret tkellmu is-Sinjura Falzon, kien tellghalu l-file u kien ghamillu minuta fil-file fis-sens illi staqsih x'kellu jaghmel jekk is-Sinjura Tabone ma kienitx ser taghti c-cwievet fi zmien gimgha u jekk kienx jaqbel illi huwa kellu fin-nuqqas jipprocedi bi zgumbrament. Is-Sur Esposito kien wiegbu illi jekk is-Sinjura ma taghtix ic-cwievet huwa kellu jipprocedi bl-izgumbrament.

Illi xehed ukoll Jeffrey Falzon illi xehed illi fil-21 ta' Mejju 2001 kien mar flimkien ma ommu jaghmel rapport lill-pulizija fis-sens illi hu u ommu kienu iltaqghu ma Arthur Micallef, l-imputat, it-Techno Park il-Mosta. L-imputat kien qalilhom li kien 'eviction officer' u kien qal lilu u lil ommu li kien jista jirranga sabiex b'xi mod jew iehor huwa jibqa fil-post minflok ommu u ma isirx l-izgumbrament. Huwa qalilhom illi diga kien hemm il-karti lesti ghall-izgumbrament, kemm jiffirmahom biss id-Direttur u isir l-izgumbrament. Is-Sur Falzon xehed illi huwa qal lill-imputat "Issa jien fejn ser inmur noqghod?" U qallu "Dik problema tieghek". Is-Sur Falzon xehed illi l-imputat qallu illi li jista jigri kien li jew hu jisparixxi l-file, jew inkella hu, jigifieri ix-xhud kellu isib post iehor fejn joqghod. Is-Sur Falzon xehed illi hu qal lill-imputat "Kif jista jkun il-gurnata tal-lum jisparixxi file" u skond hu l-imputat wiegbu li dawn il-kazijiet jigru f'kull dipartiment tal-Gvern u semmhielu kaz iehor ta' mara li kienet tghix l-Izvizzera, kellha flat Santa

Lucia li kienet tikrih lil haddiehor u qallu illi anke f'dan il-kaz kien gie sparixxut il-file. Huwa kien urih il-file taghhom u dan kien ifisser illi huwa kien hareg il-file mill-ufficju. Is-Sur Falzon kompla jixhed illi l-imputat qallu "Issa jew dan il-file jigi mahruq, jew inkella ara x'ser taghmel". Izda qallu li biex jahraq il-file ried envelope f'idejh u jahraq il-file quddiemhom stess. L-imputat qallu li f'dan l-envelope huma kellhom jaghmlulu l-flus, pero' ma specifikax kemm, ma qalx kemm ried flus. Skond is-Sur Falzon l-imputat qallu li ried risposta sa nhar it-Tnejn. Is-Sur Falzon xehed illi huwa mar ifittex post iehor, izda lill-imputat ma kellmux, halla kollox f'idejn ommu.

Illi xehed l-imputat minn jeddu f'dawn il-proceduri u qal illi s-Sinjura kienet giet tkellmu fl-ufficju tieghu il-Housing. Huwa kien fetah il-file quddiemha u rega' beda ifehma dak li kien diga qalilha fuq it-telephone, jigifieri illi hi kellha tikkonsenja c-cwievet u li binha ma setghax jibqa jghix f'dak il-fond. L-imputat xehed illi meta l-file gie ghandu mill-ewwel qal lis-Sinjura sabiex tikkonsenja c-cwievet tal-fond lid-Dipartiment, izda hi riedet illi l-fond idur fuq isem binha. L-imputat xehed illi fil-kamra tieghu hemm siehbu tax-xoghol, certu Frankie Zammit u hu kien qieghed ikellem lis-Sinjura fil-prezenza ta' Frankie Zammit. F'hin minnhom is-Sinjura minn taht l-ilsien qaltlu illi kienet disposta taghtih flus jew rigal jekk hu jghinha biex hi ma iddahhalx ic-cwievet fid-Dipartiment. Huwa qalilha illi jekk tghidlu kelma ohra bhal din kellha titlaq 'il barra dak il-hin stess. Hi inkissret, regghet qaghdet bil-qeghda u staqsietu kemm kien cert illi bil-fors kellha issir din l-'eviction'. Skond l-imputat huwa telaq dak il-hin bil-file b'kollox ikellem lis-Sur Esposito, izda lis-Sinjura halliha barra mill-ufficju. Dahal wahdu ikellem lid-Direttur, lis-Sur Esposito, urih il-file u s-Sur Esposito kien qallu illi s-Sinjura kellha tirritorna c-cwievet lid-Dipartiment. Hu mar mas-Sinjura f'postu u meta spjegalha dak li qalha s-Sur Esposito bdiet tibki u qaltlu illi riedet illi hu ikellem lil binha, li binha ma setghax jiehu leave u ghalhekk kellu jiltaqa flimkien maghha u ma binha barra x-xoghol u ghalhekk l-imputat kien ftiehem illi jiltaqa mas-Sinjura u ma binha fejn it-Techno Park il-Mosta. L-imputat xehed illi effettivament kien iltaqa mas-Sinjura u mat-tifel taghha, it-tifel kien fil-

karozza u hu dahal fil-karozza ikellmu. Is-Sinjura telghet quddiem wiccha lejh. Hareg il-file mill-envelope u peress li iben is-Sinjura ma tkellimx l-imputat qal lit-tifel taghha li kien ser jispjegalu r-raguni ghalfejn huwa ried jirritorna c-cwievet lid-Dipartiment. Qabzet is-Sinjura, qaltlu issa gbajt nisma din l-istorja, ma irridx nisma aktar, jien gibtek hawn hekk biex tghin lit-tifel. Ghidli li ser tghinu quddiemu stess, ghidli kemm trid flus, basta tghinu. U l-imputat xehed billi wegibha “Inti min qallek li jiena gejt hawn hekk ghal-flus? Jien gejt hawn hekk ghaliex inti ghidtli ghaliex inti ghidtli li t-tifel tieghek irid ikellimni”. L-imputat xehed illi iben is-Sinjura ma tkellem xejn fil-karozza. Dwar l-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija fis-sens illi kien qal lis-Sinjura u lil binha li l-file kien ser jisparixxih l-imputat xehed illi s-Sinjura bdiet tghidlu quddiem it-tifel, “Ghidli quddiem it-tifel illi ser taghmillu xi haga, ghidli xi trid tal-flus” u hu ghalhekk qalilha “nisparixxilek, nahraqlek il-file u naghmel file gdid?” U hu qalilha “Nahraq il-file u naghmel file gdid biex ibnek jibqa hemm hekk?” L-imputat kompla jixhed illi l-ghada filghodu qabad il-file u lis-section head qallu dawn ma irridux igibu c-cwievet u fil-fatt ghamel minuta fil-file lis-Sur Esposito fejn skond l-imputat fakru dwar dik il-mara li kien kellmu dwarha u s-Sur Esposito, skond l-imputat qallu li kien jiftakar u xehed ukoll illi qal lis-Sur Esposito illi kien iltaqa mas-Sinjura u ma binha il-gurnata ta’ qabel, li dawn ma riedux igibu c-cavetta u allura talbu jaghtih ordni x’kien ser jaghmel u s-Sur Esposito qallu “Jekk ma igibux ic-cwievet il-gimgha d-diehla ghamel l-izgumbrament”. Skond l-imputat huwa cempel lis-Sinjura qalilha b’ordni tas-Sur Esposito u l-gimgha ta’ wara dar is-Sinjura ghand tal-“Key Section”. Gabet ic-cwievet hi stess fid-dipartiment. L-imputat in kontro-ezami xehed illi bhala procedura huwa johrog files mid-Dipartiment u jehodhom id-dar u dana peress illi l-maggoranza tal-‘evictions’ isiru jsiru wara nofsinhar. Gieli dam sas-sitta, jew sas-sebgha ta’ filghaxija u ghalhekk jispicca jiehu l-file id-dar. Huwa dejjem kien jinforma lis-Section Head meta johrog file mid-Dipartiment u f’dan il-kaz ukoll kien informa lis-Section Head li kien hareg il-file mid-Dipartiment. Meta rega’ gie mistoqsi x’ried jghid biha meta fl-istqarrija tieghu qal illi lis-Sinjqra qalilha li kien ser ihalli f’idejhom kemm ser jaghtuh flus, fuq suggeriment ta’

l-Avukat difensur tieghu l-imputat qabel illi hu qal hekk lis-Sinjura biex jehlef minnha u fil-fatt l-ghada mar jirrapporta kollox ghand is-Sur Esposito. Mistoqsi min kien hareg bil-hsieb illi jintilef jew jinharaq il-file u mistoqsi ghalfejn kien wiegeb fl-istqarrija illi kienet l-ideja tieghu illi jisparixxi jew jahraq il-ifle, huwa qal illi qal dan il-kliem peress illi s-Sinjura kienet qed taghmillu hafna pressjoni biex lil binha ihallih hemm gew. Huwa xehed illi qatt ma kellu hsieb hazin meta iltaqa mas-Sinjuri fil-karozza. Effettivament l-ghada filghodu irrapporta lis-Section Head tieghu kif ukoll lid-Direttur dwar dak illi kien gara. L-imputat insista illi huwa kien hareg jiltaqa mas-Sinjuri hdejn it-Techno Park il-Mosta ghaliex huwa ried jaghmel minn kollox sabiex jigbor ic-cwievet tal-fond u huwa dejjem jaghmel hekk meta jkollu ordni minghand id-Direttur biex igib ic-cwievet ta' fond.

Ikkunsidrat :

Illi s-Sinjura Tabone, in kontro-ezami xehdet illi damet ma irrapportat lill-imputat lill-pulizija peress illi hija dejjem ittammat illi l-flat setgha idur fuq binha ghaliex hekk kien weghda l-imputat. Hija irrapportat lill-imputat lill-pulizija qabel ma ikkonsenjat ic-cwievet lill-Housing.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat xehed fost diversi affarijiet ohrajn illi huwa kien tela' bil-file ghand is-Sur Esposito, lis-Sinjura kien halliha barra, kien spjegalu s-sitwazzjoni, kien urih il-file u s-Sur Esposito kien qallu illi iben is-Sinjura ma setghax jibqa fil-post. Dejjem skond ma xehed l-imputat f'dawn il-proceduri sussegwentement kien kiteb minuta lis-Sur Esposito, kien fakkru dwar dik il-mara li kien kellmu dwarha, is-Sur Esposito qallu li kien jiftakar. L-imputat qallu lis-Sur Esposito li kien iltaqa maghhom il-gurnata ta' qabel, li ma riedux igibu c-cwievet u staqsih x'kien ser jaghmel u s-Sur Esposito qallu "Jekk hija tibqa ma taghtix ic-cwievet fi zmien gimgha ghamel l-'eviction'". Izda meta xehed is-Sur Esposito huwa qal illi l-ewwel darba li kien ra dan il-file kien meta ghaddihulu l-imputat permezz ta' minuta u b'hekk huwa giddeb ix-xhieda tal-imputat fis-

sens illi kien diga mar ikellem lis-Sur Esposito fuq il-kaz u addirittura meta kitiblu l-minuta fakkru dwar is-Sinjura u s-Sur Esposito qallu illi kien jiftakar il-kaz.

Illi meta xehed f'dawn il-proceduri s-Sur Esposito xehed illi ma jafx kif l-imputat dahal fil-kwistjoni dwar jekk iben is-Sinjura jigix rikonoxxut bhala inkwilin tal-fond in kwistjoni u dana peress illi xoghol l-imputat ma kienx li jaghmel "recognitions" izda biss illi jezegwixxi "eviction orders", zgumbramenti. Is-Sur Esposito xehed a fol. 29 tal-process illi r-risposta ghall-ittra li kienet ghamlet is-Sinjura huwa qatt ma kien raha qabel ghaliex il-file kien "bring up" u qatt ma kien gie ghandu. F'daqqa wahda tfacca l-file fl-ufficju tieghu meta giet tkellmu is-Sinjura flimkien ma ufficjal tal-Ministeru. Is-Sur Esposito kompla jixhed illi dak il-hin huwa kien ghadu ma harigx l-'eviction order', l-imputat kien kellmu biss jumejn qabel ma giet tkellmu is-Sinjura mal-ufficjal tal-Ministeru, izda ma ftakarx li l-imputat kien qallu kliem fis-sens illi s-Sinjura kienet qeghda taghmel plejtu shih sabiex ma issirx l-'eviction' peress illi kienet xtrat post privat u effettivament meta gew esebiti l-minuti imkien ma hemm imnizzel illi l-imputat qieghed ifakkar lis-Sur Esposito illi huwa diga kellmu fuq il-kaz. Effettivament a fol. 36 tal-process l-imputat kiteb lis-Sur Esposito illi kien cempel xi hadd anonimu u kien infurmah illi l-inkwilin kien ser johrog mill-post in kwistjoni, huwa ghamel spezzjoni fuq il-post u irrizultalu li s-Sinjura Tabone kienet ser taghti c-cwievet fi zmien gimgha. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ma hemm imnizzel illi l-imputat qieghed ifakkar lis-Sur Esposito illi huwa kien diga kellmu dwar is-Sinjura.

Illi hawnhekk diga jirrizulta lill-Qorti illi l-imputat qieghed jigdeb fix-xhieda tieghu.

Illi l-imputat, fl-istqarrija li ta lill-pulizija, ammetta illi kien iltaqa mas-Sinjura u ma binha t-Techno Park il-Mosta, ammetta ukoll li ma kienitx procedura normali li johrog il-file meta ma tkunx ser issir 'eviction' u ammetta ukoll illi s-Sinjura, meta kienu barra l-karozza, kienet qaltlu "inti xi hsieb kellek f'mohhok bhala cifra tal-flus" u hu qalilha li ha jhalli f'idejha u f'idejn binha ghax huma jafu, u dan irrizulta

a fol. 16 tal-process. Mistoqsi, a fol. 17 tal-process, fl-istqarrija tieghu, ghalfejn kienet ser taghtih il-flus is-Sinjura, l-imputat wiegeb "ahna kellna hsieb li l-file ma jinstabx billi jew jintilef jew jinharaq biex Jeffrey ikun jista jibqa fil-post ta' ommu." Mistoqsi min hareg b'dan il-hsieb l-imputat qal, "Jien ghidtilha". L-imputat ammetta wkoll fl-istqarrija tieghu illi fi Frar 2001 tefa' l-file "bring up" ghal sitt xhur wara u ammetta ukoll fl-istqarrija tieghu li mhux suppost jaccetta rigali bhala ufficjal tal-housing. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal illi dakinhar stess li iltaqa mas-Sinjura u ma binha ried icemplilhom, ried jikkuntattja wkoll lil iben is-Sinjura biex jghidlu li kien biddel fhemtu u li milli kienu qalu ma hemm xejn. Izda umbaghad meta xehed fil-Qorti l-imputat biddel il-verzjoni tieghu u qal illi meta s-Sinjura semmietlu flus huwa qalilha illi huwa ma kienx mar ikellimhom ghal flus. Izda meta xehed f'dawn il-proceduri dwar ghalfejn kien qal lis-Sinjura barra l-karozza li hi u binha kellhom jaghtuh flus kemm riedu fuq suggeriment tal-Avukat Difensur tieghu, l-imputat qabel illi hu qal hekk lis-Sinjura biex jehles minnha.

Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li ma setghax johrog file mid-dipartiment sa kemm ma tkunx 'eviction' u certament fl-istadju li hareg il-file mid-dipartiment il-process ma kienx ghadu wasal sal-istadju tal-'eviction'. Effettivament 'eviction' qatt ma saret fil-post in kwistjoni.

Illi apparti il-fatt illi l-imputat ta' stqarrija mod u meta xehed fil-Qorti ta verzjoni totalment differenti, liema verzjoni ma hi ikkollaborata minn hadd, lanqas mis-section head tieghu, illi skond l-imputat, kien infurmat illi l-imputat kien ser jiltaqa mas-Sinjura u ma binha barra x-xoghol. Dan is-section head ma ittellax jixhed mill-imputat. Is-Sur Esposito mhux talli ma kkollaborax ix-xhieda tal-imputat, anzi innega dak illi qal lill-imputat, u qal illi hu ma kienx ra il-file qabel ma kien ra il-minuta li kien kitiblu l-imputat u b'hekk allura giddeb lill-imputat illi xehed illi kellmu fuq il-kaz qabel u kien anke urih il-file. Effettivament, il-verzjoni tal-imputat m'hi kollaborata minn hadd.

Illi mhux talli hemm diversi inkonsistenzi bejn l-istqarrija tal-imputat u x-xhieda li ta fil-Qorti, imma ukoll l-imputat

ma tax spjegazzjoni ghalfejn hareg file mid-dipartiment meta ma kienx ser jaghmel eviction.

Illi fattur iehor illi jwassal il-Qorti sabiex ma temminx il-verzjoni tal-imputat huwa l-fatt illi l-imputat xehed illi s-Sinjura, meta giet tkellmu l-Housing kienet offrietlu l-flus, huwa qalilha li jekk ser tibqa titkellem hekk kien ser jghidilha biex titlaq ‘il barra u fl-istess okkazzjoni accetta li jiltaqa maghha u ma binha barra id-dipartiment.

Illi mhuwiex vero simili illi xi hadd qieghed jipprova jikkorrompik bi flus u inti taccetta illi tiltaqa mieghu u ma ibnu, barra l-ufficju, wara l-hin tax-xoghol, fl-imwarrab, jekk mhux sabiex effettivament tiftiehem sabiex tinxtara.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tiddikjara lill-imputat bhala xhud mhux kredibbli u sejra tiskarta kompletament ix-xhieda illi ta u tara illi invece ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu konsistenti fil-verzjoni illi taw mill-bidu sal-ahhar nett ta’ dawn il-proceduri u ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 112 u 113 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 115, 41 u 31 tal-Kap. 9, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Illi, ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-Qorti rat illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk tara illi mhuwiex il-kaz illi l-imputat jinghata piena ta’ prigunerija, izda ma dana kollu r-reati illi huwa ikkommetta bhala ufficjal pubbliku huma ta’ natura serja ferm.  Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ sitt xhur sospiza ghal sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 119 tal-Kap 9 u timponi wkoll fuq il-hati il-piena ta’ interdizzjoni generali temporanja ghall-perjodu ta’ sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------